**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 19/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Yahya Alaktaa**

Illum, 13 ta' Settembru 2024.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Yahya Alaktaa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133112(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 10:45hrs ġewwa Triq Salib tal-Marsa, Marsa, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBS-034:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan;
2. Uza, ġiegħek jew ħalla lil persuna oħra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, għall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien qed jagħmel uzu miċ-ċintorin tas-sigurta'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, ossia l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan)

flimkien mal-Art. 2(1), 3(1), 5 u 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel tnejn u kkundannatu jħallas multa fl-ammont ta' €2,400. B'zieda mal-piena, il-Qorti applikat d-dispozizzjonijet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien tnax -il xahar u tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant Yahya Alaktaa, ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tielet akkuza u tirrevokaha għall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena, inkluża t-talba li Qorti ta' grad ta' appell tirimetti l-kwistjoni tal-*insurance* quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ntavolata nhar it-8 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, *ossia* dik tas-sewqan mingħajr liċenzja valida. L-appellant jikkontendi li huwa kellu *International Driving Permit*, liema dokument kien jippermettielu jsuq ġewwa Malta.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali u senjatament mill-*affidavits* redatti minn PS 1320 Shaun Borg Axiaq u PC 42 Lydon Azzopardi, jirriżulta li nhar l-4 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 10:45hrs, l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija kienu qed jagħmlu "*roadcheck*" ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa meta waqqfu vettura tal-għamla *Ford* bin-numru ta' reġistrazzjoni HBS-034, misjuqa mill-appellant, li ma kienx liebes ċintorin tas-sigurta'. *In oltre*, meta l-appellant ġie mitlub jipprovdi l-liċenzja tas-sewqan u l-

polza tal-assigurazzjoni, huwa pprovda ċertifikat tal-ezami tat-teorija tat-*Transport Malta*. Kien biss meta huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti li ppreżenta "*International Driving Permit*" fejn saħaq li l-istess kien dokument li, fil-fehma tiegħu, kien jippermettielu jsuq f'pajjiżi esteri.

Illi, fl-ewwel lok il-Qorti eżaminat l-"*International Driving Permit*" eżebit mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti u li jinsab a fol.18 tal-atti. Dan id-dokument maħrug mir-Repubblika tas-Sirja huwa, f'dawk il-partijiet fejn hemm l-informazzjoni dwar id-detentur tal-imsemmi permess, redatt bil-lingwa għarbija u li l-appellant ma pprovda l-ebda traduzzjoni għall-istess, sabiex b'hekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li dan id-dokument inħareġ favur l-appellant jew xi terza persuna. Ukoll, l-istess dokument huwa "***valid for one year from 17 Jan 2021***", u għalhekk, anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant, xortawaħda fiż-żmien temporali taċ-ċitazzjoni, u ċioe' fl-4 ta' Lulju 2022, dana l-permess kien skadut u invalidu u ċertament ma jistax jintuża għalhekk bħala xi forma ta' difiza.

Illi, *inoltre*, mill-*affidavit* redatt minn Stephen Cachia in rapprezentanza ta' *Transport Malta* jirriżulta li l-appellant "**ma kellu l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan Maltija. Huwa ottjena l-liċenzja tas-sewqan Maltija fil-11 ta' Novembru 2022**", u ċioe' wara d-data ndikata fiċ-ċitazzjoni.

Illi, għaldaqstant, in vista ta' dak kollu premess, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta li fil-parametri temporali tal-inċident odjern, l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan valida u l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta dwar is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni fejn huwa kien mixli li saq vettura mingħajr polza tal-assigurazzjoni valida. Huwa jisħaq li l-polza ta'l-assigurazzjoni tkopri l-vettura u mhux is-sewwieq hekk kif hemm indikat fir-regolamenti tad-Direttiva 2009/103/KE

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà.

Issa fil-preambolu 3 għad-Direttiva fejn hemm indikat l-għan wara dawn ir-regolamenti komunitarji, jingħad hekk:

> **Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-<u>responsabbiltà ċivili</u> fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu hi koperta b'assigurazzjoni. Il-limitu tar-responsabbiltà koperta u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' din il-kopertura għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' dawk il-miżuri.**

Illi l-miżuri ewropej ifittxu sabiex jassiguraw illi l-<u>użu tal-vetturi</u> jkun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni u mhux il-vettura innifisha. L-artikolu 3 għalkemm intestat dwar l-'assigurazzjoni obbligatorja għall-vettura', madanakollu jiddisponi illi:

> **Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 5, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assigurazzjoni.**

Illi huwa evidenti illi d-direttiva titkellem fl-ewwel lok fuq responsabbiltajiet ċivili u mhux penali, u ukoll illi din tirreferi, kuntrarjament għal dak li tissottometti d-difiża, għall-użu ta' vettura u mhux għall-vettura innifisha. Illi anke l-artikolu 13, liema artikolu jipprojbixxi deroga mill-applikabbilita' ta'l-artikolu 3 hawn fuq iċċitat fil-każijiet fejn per eżempju is-sewwieq ma jkollux liċenzja tas-sewqan, din tirreferi esklussivament għall-obbligi ċivili tas-soċjetajiet ta'l-assigurazzjoni li meta jkun hemm polza fuq saqajha it-terz danneġġjat għandu jkun dejjem indennizzat għal kwalunkwe ħsara minnu sofferta. Ma jirreferiex għar-responsabbilta' penali ta' min jintenta isuq vettura meta ma jkollux liċenzja tas-sewqan jew polza tal-assigurazzjoni li tkopri is-sewqan tiegħu. Li kieku kien hekk allura il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali jkunu qed jagħtu *carte blanche* lil kull min jidhirlu illi għalkemm ma għandux liċenzja tas-sewqan u/jew polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa f'ismu jew inkella li tindikah bħala *authorised driver*, jista' xortawaħda isuq vettura li jkollha polza ta'l-

assigurazzjoni fuq saqajha, iżda li ma tkunx tkoprieh. Tant hu hekk illi d-direttiva tħalli f'idejn l-Istati Membri jilleġislaw dawk il-liġijiet li jidhrilhom meħtieġa sabiex ikun żgurat l-applikazzjoni tagħha:

**L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma jadottaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw l-applikazzjoni tagħhom. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi.**

Illi finalment r-regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 104.01 jistipola illi t-tiġdid jew l-applikazzjoni għal liċenza għal vettura mal-awtorita' konċernata tista' ssir unikament jekk l-persuna li tkun qed tapplika għal liċenza turi illi tkun fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni f'isimha dwar l-użu minnha ta' dik il-vettura.

**Kull persuna li tapplika għal liċenza jew biex tiġġedded liċenza għal vettura bil-mutur għandha tipproduċi lill-Kummissarju cover note jew ċertifikat ta' sigurtà li juri illi fid-data meta l-liċenza tibda tgħodd tkun qiegħda <u>sseħħ polza dwar il-persuna li tkun qiegħda tuża l-vettura bil-mutur</u> minn min japplika jew minn persuni oħra bl-ordni jew bil-permess tagħha, u din il-cover note jew ċertifikat jikkostitwixxi għall-finijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Ordinanza prova illi fid-data meta l-liċenza jew it-tiġdid jibda jgħodd ikun hemm isseħħ il-polza meħtieġa.**

Bl-artikolu 7 tal-Att imbagħad jiddisponi illi:

**Il-persuna li titlob liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza għal vettura bil-mutur għandha ġġib prova kif jiġi stabbilit illi jew-**

**(a) li fid-data meta l-liċenza jibda jkollha effett tkun isseħħ il-polza ta' assigurazzjoni meħtieġa għall-<u>użu tal-vettura mir-rikorrent jew minn persuni oħrajn b'ordni tiegħu</u> jew bil-permess tiegħu; inkella**

**(b) li l-vettura hija waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 3(4).**

Illi imbagħad il-polza ta'l-assigurazzjoni eżebita mill-appellant fl-atti, u li tinsab a fol.15 et. seq, tkopri il-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Awwissu 2023, u għalhekk ma tirreferiex għaż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni tal-04 ta' Lulju 2022. Jikkonsegwi għalhekk illi l-appellant la kellu liċenzja tas-sewqan f'dan il-jum indikat fiċ-ċitazzjoni u wkoll is-sewqan tiegħu tal-vettura lanqas ma kien kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni, sabiex b'hekk ma hemm ebda mottiv li jista' jwassal lil din il-Qorti

titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti li kienet legalment u fattwalment valida.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja mposta fuq l-appellant għandha tibda tiddekorri mid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**